MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 569/2000/1

***Anthony, Alex, John, Noe' u Lucian, ilkoll ahwa Baldacchino***
***vs***
***Sunny sive Samwel, Carmel, Bibbiana Zammit, Lonza Bugeja, Agnese Cassar, Lucia Caruana u Mary Muscat, ilkoll ahwa Baldacchino***

Illum 30 ta' Gunju 2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-aturi, wara li ppremettew: illi fl-1 ta' Ottubru 1988 u 22 ta' Novembru 1992 mietu Esther u Joseph konjugi Baldacchino genituri tal-kontendenti u dan in forza ta' testment *unica carta* datat 23 ta' Awissu 1985, atti Nutar Jennette Laferla Saliba; illi l-atturi ma jiridux jibqghu fi stat ta' komunanza

ma' huthom l-ohra riferibbilment ghall-assi ereditarji tal-genituri taghhom u l-kontendenti qatt ma wasslu biex jaqblu dwar qasma bonarja; talba ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-assijiet ereditarji ta' Esther u Joseph konjugi Baldacchino; inkluz il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejniethom;

2. Taqsam l-assijiet rispettivi hekk likwidati f' porzjonijiet ta' valur ugwali;

3. Tasseenja l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi lill-kontendenti;

4. Tinnomina periti ghall-likwidazzjoni, divizjoni, stimi u licitazzjoni mehtiega;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u kurtaturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaic;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti minnissa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi guramentata minn Anthony Baldacchino u l-lista tax-xhieda;

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet[1] prezentati mill-konvenuti Sunny sive Samwel, Carmel, Bibiana Zammit, Lonza Bugeja, Agnese Cassar, Lucia Caruana u Mary Muscat, ilkoll ahwa Baldacchino li permezz taghhom eccepew:

1. Illi preliminarjament l-intempestivita' ta' l-azzjoni odjerna stante illi l-atturi qatt ma nterpellew lill-konvenuti sabiex issir id-divizjoni bejniethom;

2. minghajr pregudizzju ghall-premess fil-mertu, il-konvenuti ma jopponunx ghat-talba ta' divizjoni salv verifika tal-kwota ereditarja u tal-valur in kwisjtoni;

[1] Fols 19 - 23

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-konvenuti guramentati mill-konvenuti Sunny sive Samwel Baldacchino u Mary Muscat, rispettivament u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-14 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza:

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda divizjoni tal-assi ta’ Ester u Joseph, konjugi Baldacchino, li mietu rispettivament fl-1 ta’ Ottubru 1988 u 22 ta’ Novembru 1992.

Illi skond testment *unica carta* maghmul minnhom fit-23 ta’ Awissu 1985 fit-7.45 pm.[2] il-konjugi Baldacchino, wara li hallew lil xulxin l-usufrutt generali ta’ gidhom kollu, nnominaw bhala unici eredi universali taghhom, fi kwoti ugwali, bejniethom lit-tnax uliedhom John, Annunziata mart Philip Bugeja, Agnes mart Joseph Cassar[3], Noe’, Anthony, Samuel, Lucia mart Emanuele Caruana, Bibiana mart Anthony Zammit, Maria vittoria mart George Muscat, Luciano, Carmelo u Alexander[4] – ilkoll ahwa Baldacchino.

*Konsistenza tal-assi*
Illi mill-provi rrizulta li l-proprjeta’ immobbli kontenuta f’ dawn l-assi, u li ghad baqa’ in komuni bejn il-kontendenti u li taghha trid issir id-divizjoni bil-mod kif ser jinghad aktar il’ quddiem, huwa l-fond numru sitta u tletin (36) Triq il-Madonna Haz Zebbug.

Illi in kwantu ghal proprjeta’ mobbli, il-Qorti tosserva li, ghajr nota prezentata mill-konvenuti fejn giet indikata lista ta’ ghamara *“formanti l-wirt tad-decujii Baldacchino”*[5], ma

[2] Fols.11-12
[3] It-tlett ulied mill-ewwel zwieg
[4] Id-disa ulied komuni tat-testaturi
[5] Fol.32

ngabet ebda prova ohra dwar l-esistenza ta' dawn il-mobbli fl-assijiet in ezami. Huwa car li semplici dikjarazzjoni da parti tal-konvenuti, li la hi guramentata u inoltre li l-kontenut taghha mhux sostnut mimm elementi ta' provi ulterjuri, ma tikkostitwix prova sodisfacenti dwar l-esistenza tal-oggetti ndikati fl-istess nota. Ghaldaqstant dawn il-mobbli mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni fil-liwidazzjoni tal-assi.

*Valur tal-fond 36 Triq Madonna Zebbug*

Illi fit-18 ta' Ottubru 2000 din il-Qorti kienet hatret lil Perit Joseph Ellul Vincenti bhala perit tekniku biex jaghmel stima ta' dan il-fond. Skond ir-relazzjoni[6] tal-istess perit, mahlufa u konfermata minnu fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2001, il-fond *de quo* gie stmat fis-somma ta' sittin elf lira maltin (Lm60,000).

Illi sussegwentmenet, fuq talba tal-konvenuti, gew nominati periti addizzjonali, il-Periti David Pace, Frederick Doublet u Valerio Schembri biex jezaminaw l-istess fond. Skond relazzjoni[7] ta' dawn il-periti, mahlufa u kkonfermata minnhom fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2003, l-istess fond gie stmat fis-somma ta' erbghin elf lira maltin (LM40,000).

*Eccezzjonijiet*

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, fejn giet eccepita l-intempestivita' tal-azzjoni odjerna, il-Qorti tosserva li ma hemm edba obbligu mpost bil-ligi li qabel ma jigu stitwixxi proceduri gudizzjarji bhal dawk odjerni, il-konvenuti ghandhom jigu nterpellati. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeda tigi michuda bhala infondata fid-dritt.

Illi mid-deskrizzjoni tal-fond maghmula mill-periti, il-Qorti tosserva li, avut rigward ghad-dimensjoni tal-fond kif ukoll ghall-fatt li d-divizjoni trid issir fi tnax il-porzjon, huwa ovvju li l-fond fic-cirkostanzi mhuwiex komodament divizibbli u ghalhekk f' dan il-kaz ghandha tigi ordnata il-licatazzjoni tieghu ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kap.16.

***Decide***

[6] Fol.39 *et seq.*
[7] Fol.65 *et seq.*

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel erba talbiet tal-atturi, u tiddikjara li l-assi tal-konjugi Ester u Joseph Baldacchino, jikkonsistu **fil-fond numru sitta u tletin (36) Triq il-Madonna Zebbug**; tordna l-bejgh b' licitazzjoni tal-istess fond kif deskritt u stmat mill-periti teknici addizzjonali fir-relazzjoni taghhom, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei; u tordna li r-rikavat minn dan il-bejgh ghandhu jinqasam bejn il-kondividenti f' porzjonijiet ugwali ta' wiehed minn tnax (1/12) kull porzjon.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li l-fond ser jigi mibjugh b' licitazzjoni.

L-ispejjez kollha tal-kawza jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti wgwali bejniethom.

***Imhallef***

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------